**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 18 ta' Dicembru, 2015**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Francis Cremona**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Francis Cremona detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 665959M

1. Akkuzat talli nhar l-14 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta ta' bejn is-6:00pm u s-7:00pm, gewwa Triq iz-Zonqor, Marsaskala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, hebb ghal persuna ta' Stephen Degiorgio u/jew persuna/i ohra, u

kkagunajtlu griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr Glenn Micallef MD u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-artikoli 338(1)(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar l-14 ta' Dicembru, 2014, ghal habta tat-7:45pm, gewwa Triq il-Qaliet Marsaskala, hebb kontra Teresa Cremona sabiex jingurjaha, ddejjaqha, jew sabiex jaghmel il-hsara lilha jew lil haddiehor u dan bi ksur ta' l-artikoli 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Stephen Degiorgio u Teresa Cremona, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Frar, 2015 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Novembru, 2015 ghall-ewwel akkuza izda biss in kwantu huwa kkaguna griehi ta' natura hafifa, u ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrigwarda natura hafifa, u t-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza illi l-griehi sofferti mill-Parte Civile Stephen Degiorgio huma ta' natura hafifa u ma hallew l-ebda konsegwenza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 221, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, salv li in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni huwa qed jinstab hati biss li kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Stephen Degiorgio, u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tmintax (18) –il xahar millum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b' obbligazzjoni personali ghal zmien tnax (12) –il xahar millum taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Stephen Degiorgio u lil Tereza Cremona.

**MAGISTRAT**